A.L. 450 ta' l-2004

ATT DWAR DAZJU TAS-SISA
(KAP. 382)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

Kap. 382

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 2004 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Jemenda r-Regolamenti dwar Żjut Minerali f'Taqsima D fil-Ħames Skeda ma' l-Att.

2. Minnufih wara r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar Żjut Minerali f'Taqsima D fil-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att għandhom jidħlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

"Reġistrazzjoni ta' mezzi ta' trasport.

28. (1) Kull mezz ta' trasport li jġorr prodotti ta' l-enerġija li fuqhom ma jkunx tħallas id-dazju tas-sisa, kemm jekk dak il-mezz jintuża' fuq l-art, bħall-*bowsers*, kemm jekk jintuża' fuq il-baħar, bħal *barges* u *tankers*, għandu jkun reġistrat mal-Kontrollur.

(2) Kull operatur ta' mezz tat-trasport bħal dak imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandu jiddikjara lill-Kontrollur li dak il-mezz ikun sejjer jintuża' biss għall-ġarr ta' prodotti ta' l-enerġija li ma jkunx tħallas id-dazju tas-sisa fuqhom.

Immarkar ta' mezzi ta' trasport.

29. (1) Skond ma l-Kontrollur ikun jista' jeħtieġ, dawn il-mezzi tat-trasport għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti u li jidher ċar b'tabella bil-kliem, ta' kulur aħmar, "DUTY FREE". Din it-tabella għandha tkun ta' daqs mhux inqas minn 820 millimetru b'240 millimetru.

(2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subregolament (1), għandu jiġi nstallat fuq kull mezz ta' trasport bħal dak tagħmir elekroniku li bih tali mezz ikun jista' jiġi osservat bħala li jkun qiegħed f'xi mkien speċifiku f'kull waqt partikolari ta' żmien."